KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-13 ta' Marzu 2025[1]

Kawża C-38/24 [Bervidi][i]

G.L.
vs
AB SpA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Artikolu 1 – Artikolu 2(1) u (2)(b) – Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà – Diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni – Ħaddiem li, mingħajr ma jkun huwa stess b'diżabbiltà, isostni li huwa vittma ta' żvantaġġ partikolari fuq ix-xogħol ibbażat fuq id-diżabbiltà tal-wild tiegħu, li lilu jagħti l-assistenza u l-kura essenzjali li dan għandu bżonn – Artikolu 5 – Obbligu tal-persuna li timpjega li tadotta soluzzjonijiet raġonevoli fir-rigward ta' dan il-ħaddiem"

I. Introduzzjoni

1. G.L., li hija l-persuna li tagħti kura lil wild tagħha li għandu diżabbiltà serja, issostni li l-persuna li timpjegaha, il-kumpannija AB SpA, adottat aġir diskriminatorju fil-konfront tagħha meta rrifjutat li tilqa' t-talba tagħha li tiġi assenjata b'mod definittiv f'pożizzjoni ta' xogħol b'ħinijiet fissi filgħodu, sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha, bil-għan li tkun tista' tagħti lil wild tagħha l-assistenza u l-kura essenzjali li huwa għandu bżonn, filwaqt li tkompli teżerċita l-attività professjonali tagħha b'kundizzjonijiet ugwali bħall-impjegati l-oħra.

2. F'dan il-kuntest, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, jekk id-Direttiva 2000/78/KE[2] għandhiex tiġi interpretata fis-sens li persuna bħal G.L., li ma hijiex hija stess il-persuna b'diżabbiltà, tista' tinvoka quddiem il-qrati l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni *indiretta* bbażata fuq id-diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol tagħha. Jekk iva, din il-qorti tistaqsi jekk il-persuna li timpjega lil G.L. hijiex obbligata tadotta soluzzjonijiet raġonevoli fir-rigward tagħha, fis-sens ta' din id-direttiva, sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

3. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija s-segwitu tas-sentenza Coleman [3], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni", meta rreferiet biss għad-diskriminazzjoni *diretta*. Għalhekk hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, konkluża fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006 [4] u li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tan-NU"), li għandha tispjega l-portata tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni" kif ukoll il-konsegwenzi li hija ġġib magħha fuq il-ħajja professjonali ta' min jieħu ħsieb wild b'diżabbiltà.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

4. Il-Konvenzjoni tan-NU tistipula, fil-punt e tal-preambolu tagħha:

"Filwaqt li jagħrfu li d-diżabbiltà hija kunċett li qed jevolvi u li d-diżabbiltà tirriżulta mill-effett reċiproku bejn il-persuni bi ħsara fis-saħħa l-barrieri ta' attitudni u ambjentali li jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor."

5. Skont l-Artikolu 1 ta' din il-Konvenzjoni, intitolat "Għan":

"L-għan ta' din il-Konvenzjoni huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà, u li tippromwovi ir-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom.

Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom ħsarat fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perjodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor."

6. L-Artikolu 2 tal-imsemmija Konvenzjoni, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

[…]

'Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà' tfisser kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà li għandha l-għan jew effett li tfixkel jew ixxejjen l-għarfien, it-tgawdija jew l-eżerċitar, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fil-qasam politiku, ekonomiku, soċjali, kulturali, ċivili jew fi kwalunkwe qasam ieħor. Din tinkludi il-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluża ċ-ċaħda ta' aġevolezza raġonevoli;

'Akkomodazzjoni raġonevoli' tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jgawdu u jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha

[3] Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008 (C-303/06, iktar 'il quddiem is-"sentenza Coleman", EU:C:2008:415).

[4] *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 2515, p. 3.

[…]”.

7. L-Artikolu 5, intitolat “Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni”, jistipula, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

“1. L-Istati Partijiet jagħrfu li l-persuni kollha huma ugwali quddiem u taħt il-liġi u huma intitolati mingħajr kwalunkwe diskriminazzjoni għall-protezzjoni ugwali u għal benefiċċju ugwali tal-liġi.

2. L-Istati Partijiet għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta’ diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b’diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi.

3. Sabiex jippromwovu l-ugwaljanza u jeliminaw id-diskriminazzjoni, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha adegwati biex jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli.”

8. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tan-NU, intitolat “Tfal b’diżabbiltà”, huwa redatt kif ġej, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

“1 L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa mit-tfal b’diżabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fuq bażi ugwali ma’ tfal oħrajn.

2. Fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw tfal b’diżabbiltà, l-aħjar interessi tat-tifel jew tifla għandom ikunu kunsiderazzjoni primarja.”

B. Id-dritt tal-Unjoni

9. Skont il-premessi 12, 16, 20 u 21 tad-Direttiva 2000/78:

“(12) […] kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, għar-rigward ta’ arji koperti minn din id-Direttiva għandhom ikunu pprojbiti fil-Komunità kollha. […]

[…]

(16) Il-provvediment ta’ miżuri biex jakkommodaw il-bżonnijiet ta’ persuna b’diżabilità fuq post tax-xogħol għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba dizabilità.

(17) Din id-Direttiva ma teħtieġx ir-reklutaġġ, il-promozzjoni, iż-żamma fl-impjieg jew fit-tħarriġ ta’ individwu li mhuwiex kompetenti, kapaċi u disponibbli biex jaqdi l-funzjonijiet essenzjali tax-xogħol konċernat jew biex jgħaddi minn taħrig relevanti, mingħajr prejudizzju għall-obbligu biex jiġu pprovduti arranġamenti raġonevoli għall-persuni b’dizabilitajiet.

[…]

(20) Għandhom jiġu pprovduti miżuri approprjati, jiġifieri miżuri effettivi u prattiċi biex jadattaw il-post tax-xogħol għad-diżabilità, per eżempju jadattaw il-postijiet u t-tagħmir, ritmi tax-xogħol, id-distribuzzjoni tal-kompiti jew tad-dispożizzjoni ta’ riżorsi ta’ tħarrig jew integrazzjoni.

(21) Sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżuri inkwistjoni jikkawżawx piż sproporzjonat, għandu jittieħed kont b'mod partikulari ta' l-ispejjeż finanzjarji u ta' natura oħra li dan jimplika, ta' l-iskala u r-riżorsi finanzjarji ta' l-organizzazzjoni jew l-intrapriża u l-possibilità li jiġu ottenuti fondi pubbliċi jew assistenza oħra."

10. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Skop", jipprevedi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament."

11. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-kunċett ta' diskriminazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

b) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari, partikolari fi żvantaġġ partikolari a paragun ma' persuni oħra ħlief:

   i) meta dik id-dispożizzjoni, jew dak il-kriterju jew prattika jkunu oġġettivament iġġustifikati minn skop leġittimu u l-mezzi li tintlaħaq ikun approprjati u neċessarji, jew

   ii) fir-rigward ta' persuni b'dizabilità partikolari, min iħaddem jew kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li għalihom tapplika din id-Direttiva, huma obbligati, taħt legislazzjoni nazzjonali, li jieħdu miżuri approprijati fil-linja mal-prinċipji li jinsabu fl-Artikolu 5 biex jeliminaw l-iżvantaġġi involuti minn dispożizzjoni, kriterju jew prattika simili.."

12. L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu:

"Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[…]

ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga."

13. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, intitolat "Akkomodazzjoni raġjonevoli għal persuni b'dizabilità":

"Sabiex tiġi ggarantita konformità mal-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet, għandha tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli. Dan ifisser li dawk li jħaddmu għandhom jieħdu mizuri approprjati, meta meħtieġa f'każ partikulari, biex jippermettu persuna b'diżabilità li jkollha aċċess għal, u tipparteċipa fil-, jew tavvanza fl-impjieg, jew titħarreġ, sakemm dawn il-miżuri ma jimponux piż sproporzjonat fuq min iħaddem. Dan il-piż ma jitqiesx sproporzjonat meta jiġi mnaqqas biżżejjed permezz ta' miżuri li jkunu jeżistu fil-qafas tal-politika dwar diżabilità fl-Istat Membru kkonċernat."

C. Id-dritt Taljan

14. Id-decreto legislativo n. 216 – Attuazione della direttiva 2000/78 per la parità di trattamento in materia di occupazione e di condizioni di lavoro (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 216, li jittrasponi d-Direttiva 2000/78 għall-Ugwaljanza fit-Trattament fil-Qasam tal-Impjieg u tax-Xogħol) tad-9 ta' Lulju 2003[5], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 216"), jipprevedi, fl-Artikolu 2(1) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan id-digriet […], il-'prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser l-assenza ta' kwalunkwe diskriminazzjoni diretta jew indiretta għal raġuni ta' reliġjon, twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali. Dan il-prinċipju jfisser li diskriminazzjoni diretta jew indiretta, kif imfissra iktar 'l isfel, għandha tiġi pprojbita:

a) diskriminazzjoni diretta sseħħ meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn kif hija, kienet jew tkun ittrattata persuna oħra, f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet ta' reliġjon, twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali;

b) diskriminazzjoni indiretta sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju, prattika, att, patt jew aġir apparentement newtrali jkun qiegħed persuni li għandhom reliġjon jew twemmin partikolari, persuni b'diżabbiltà jew persuni ta' ċerta età jew orjentazzjoni sesswali fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra."

15. L-Artikolu 3(3*bis)* ta' dan id-digriet leġiżlattiv huwa fformulat kif ġej:

"Sabiex tiġi żgurata konformità mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ta' persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jimpjegaw pubbliċi u privati huma obbligati jadottaw arranġamenti raġonevoli, kif iddefiniti mill-Konvenzjoni [tan-NU], irratifikata permezz tal-Liġi Nru 18 tat-3 ta' Marzu 2009 fuq il-postijiet tax-xogħol sabiex jiżguraw ugwaljanza sħiħa lill-persuni b'diżabbiltà mal-ħaddiema l-oħra. Il-persuni li jimpjegaw fil-qasam pubbliku għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu mingħajr piżijiet ġodda jew miżjuda għall-finanzi pubbliċi u bir-riżorsi umani, finanzjarji u materjali disponibbli fil-qafas tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ."

[5] GURI Nru 187 tat-13 ta' Awwissu 2003, p. 4.

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. G.L. kienet impjegata mal-kumpannija AB bħala "operatur ta' stazzjon"[6]. Fil-kapaċità tagħha ta' persuna membru tal-familja li tagħti kura, hija talbet lill-persuna li timpjegaha sabiex tiġi assenjata b'mod definittiv għal tim fiss filgħodu għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha jew, bil-kunsens tagħha, funzjonijiet ta' livell inqas, sabiex wara nofsinhar tkun tista' tieħu ħsieb il-wild minuri tagħha, li jgħix magħha u għandu diżabbilità serja, irrikonoxxut bħala 100 % invalidu, filwaqt li tkompli teżerċita l-attività professjonali tagħha b'kundizzjonijiet ugwali bħall-impjegati l-oħra.

17. Peress li AB ma laqgħetx it-talbiet ta' G.L., din ippreżentat rikors quddiem it-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma, l-Italja), fil-5 ta' Marzu 2019, intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-aġir adottat fil-konfront tagħha mill-persuna li timpjegaha kien diskriminatorju. Hija talbet li din tal-aħħar tiġi kkundannata tassenjaha b'mod definittiv għal post tax-xogħol b'ħinijiet fissi, bejn it-8:30 u t-15:00, jew, fi kwalunkwe każ, kompatibbli mal-bżonnijiet tal-wild tagħha, tadotta pjan biex titneħħa d-diskriminazzjoni u tħallasha kumpens għad-danni kkawżati lilha.

18. F'dan ir-rigward, G.L., filwaqt li kkritikat lill-persuna li timpjegaha minħabba n-nuqqas ta' flessibbiltà fil-ħinijiet tax-xogħol tagħha, sostniet b'mod partikolari, l-ewwel nett, li AB kienet applikat trattament differenti minn dak mogħti lill-kollegi tagħha li, minħabba raġunijiet ta' saħħa, kienu kkunsidrati bħala inkapaċi, b'mod temporanju jew definittiv, sabiex jagħtu s-servizzi tax-xogħol tagħhom skont il-modalitajiet normali. Effettivament, minkejja li dawn kienu allegatament temporanjament assenjati kompiti oħra sakemm jitħarrġu f'funzjonijiet differenti, biex jiġu assenjati ma' servizz issussidjat jew "mgħejjun" f'post tax-xogħol fiss, tali opportunità ma ngħatatx lilha inkwantu, fil-każ tagħha, l-evalwazzjoni tal-inkapaċità li teżerċita l-funzjonijiet tagħha saret fir-rigward tal-istat tas-saħħa tagħha u mhux dak tal-wild tagħha. It-tieni nett, AB adottat fil-konfront tagħha, matul perijodu twil u mhux raġonevoli, miżuri ta' natura provviżorja, u mhux definittivi, bil-għan li jiġu solvuti d-diffikultajiet tal-ħajja professjonali tagħha li jirriżultaw mill-obbligi ta' assistenza li kellha bħala l-persuna li tieħu ħsieb lill-wild tagħha. It-tielet nett, AB ma segwietx it-talba li kienet ressqet sabiex eventwalment tkun assenjata funzjonijiet ta' livell inqas sabiex tnaqqas dawn id-diffikultajiet.

19. It-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma) ċaħdet ir-rikors ta' G.L. minħabba li hija ma kinitx il-persuna awtorizzata taġixxi kontra d-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol, peress li din setgħet tkun biss il-persuna b'diżabbiltà. G.L. appellat minn din is-sentenza quddiem il-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma, l-Italja), li ċaħdet dan ir-rikors fuq il-mertu. F'dan ir-rigward, din l-aħħar qorti bbażat ruħha fuq is-sentenza Coleman sabiex qieset li persuna membru tal-familja li tagħti kura għandha dritt tibbaża ruħha fuq dispożizzjonijiet nazzjonali li jipproteġu lill-persuni b'diżabbiltà kontra d-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol, b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(3*bis*) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 216. Madankollu, f'dan il-każ, skont din il-qorti, ma ġietx stabbilita l-eżistenza ta' aġir diskriminatorju min-naħa ta' AB u, fi kwalunkwe każ, din il-kumpannija kienet implimentat "soluzzjonijiet raġonevoli". L-istess qorti spjegat li, b'mod partikolari, AB fi kwalunkwe każ kienet iffaċilitat b'mod suffiċjenti l-funzjoni ta' G.L., anki jekk permezz ta' miżuri ta' servizz dejjem provviżorji, u li, fir-rigward tat-trattament irriżervat għall-ħaddiema inkapaċi li jagħtu s-servizz tax-xogħol tagħhom skont il-modalitajiet

[6] Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, AB indikat li l-operaturi ta' stazzjon, li jaħdmu fis-settur tat-traffiku tan-network ferrovjarju (metro/ferrovija/tram), ma għandhomx post tax-xogħol fiss u jiġu assenjati għal post tax-xogħol fuq livell amministrattiv li jikkoinċidi mal-linja tal-metro, jew mal-linja ferrovjarja kollha, li fuqha huma impjegati. Huma għandhom post tax-xogħol li jikkorrispondi ma' wieħed mill-istazzjonijiet tal-linja jew tal-ferrovija li jaħdmu fiha, fejn il-preżenza tagħhom hija neċessarja għall-eżerċizzju tal-attività tagħhom.

normali, assenzjati provviżorjament għal kompiti oħra sakemm jieħdu taħriġ f'post tax-xogħol fiss, kien korrett li AB ma tatx l-istess possibbiltà lil G.L. peress li l-kollegi tagħha kellhom rekwiżiti indikati fiċ-ċertifikati mediċi prodotti.

20. G.L. appellat fil-kassazzjoni quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), il-qorti tar-rinviju, billi sostniet li hija kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet legali sabiex tibbenefika mid-dritt ta' nondiskriminazzjoni minħabba diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol. F'dan ir-rigward, hija kkontestat il-fatt li AB kienet implimenetat "soluzzjonijiet raġonevoli" u żiedet li hija qieset li għandha dritt assolut għall-implimentazzjoni ta' tali soluzzjonijiet. G.L. sostniet ukoll li l-miżuri konċessi minn AB, ta' natura provviżorja, limitati għal xi xhur fuq perijodi mhux kontinwi u mhux bil-miktub, ma kinux jeskludu l-allegata diskriminazzjoni. Barra minn hekk, hija invokat ksur tar-regoli relatati mal-prova tad-diskriminazzjoni. Wara li ressqet l-appell tagħha fil-kassazzjoni, G.L. indikat lil din il-qorti li hija tkeċċiet fl-10 ta' Ottubru 2022.

21. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fid-dritt Taljan, l-ewwel definizzjoni tal-"persuna membru tal-familja li tagħti kura" tirriżulta mil-liġi adottata matul is-sena 2017[7] u li, minkejja li d-dritt nazzjonali jagħti dritt għal vantaġġi fiskali u soċjali partikolari lil tali persuna membru tal-familja li tagħti kura, din ma kinitx tibbenefika, fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, minn protezzjoni ġenerali kontra d-diskriminazzjoni u l-fastidju subit fuq il-post tax-xogħol minħabba obbligi ta' assistenza u kura li hija kellha[8]. Kien għal din ir-raġuni li t-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma) ċaħdet ir-rikors ta' G.L. Mill-banda l-oħra, il-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma), filwaqt li rreferiet għas-sentenza Coleman insostenn tar-raġunament tagħha, ddeċidiet li l-persuna membru tal-familja li tagħti kura lil persuna b'diżabbiltà għandha dritt tibbenefika minn protezzjoni meta tkun suġġetta għal diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol.

22. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrileva li s-sentenza Coleman espressament semmiet biss id-diskriminazzjoni *diretta* u ma jidhirx li tippermetti, mal-ewwel daqqa ta' għajn, li testendi l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 lill-persuni li jagħtu kura lil dawk b'diżabbiltà li jinvokaw l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom. Madankollu, interpretazzjoni iktar wiesgħa ta' din id-direttiva tidher possibbli wkoll, ibbażata fuq teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu minnha, il-loġika tagħha kollha kemm hi u l-iżviluppi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ kif ukoll dinamiċi ekonomiċi u soċjali.

23. Fir-rigward tal-iżviluppi legali, din il-qorti tenfasizza li l-Konvenzjoni tan-NU daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008 u li din tista' tiġi invokata sabiex tiġi interpretata d-Direttiva 2000/78. Issa, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà" li tinsab fl-Artikolu 2 ta' din il-Konvenzjoni, din ma tidhirx li tagħti importanza lid-distinzjoni bejn id-diskriminazzjoni diretta u d-diskriminazzjoni indiretta f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-persuni b'diżabbiltà. Fir-rigward tal-ordinament ġuridiku, il-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, fil-qafas tal-konstatazzjonijiet tiegħu adottati bis-saħħa tal-Artikolu 5

[7] Legge n. 205 – Bilancio di previsione dello Stato per l'anno finanziario 2018 e bilancio pluriennale per il triennio 2018-2020 (il-Liġi Nru 205 li tipproponi l-baġit tal-Istat għas-sena finanzjarja 2018 u baġit pluriannwali għall-perijodu ta' tliet snin 2018-2020) tas-27 ta' Diċembru 2017 (GURI Nru 302 tad-29 ta' Diċembru 2017, suppliment ordinarju għall-GURI Nru 62).

[8] Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-Artikolu 25(2*bis*) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 216, introdott bil-legge n. 162 (Liġi Nru 162) tal-5 ta' Novembru 2021 (GURI Nru°275 tat-18 ta' Novembru 2021) li ġiet adottata wara d-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, jistipula li "[j]ikkostitwixxi diskriminazzjoni, fis-sens ta' din il-liġi, kull trattament jew bidla fl-arranġamenti tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew tal-ħin tax-xogħol li, minħabba sess, età, bżonnijiet ta' kura personali jew familjari, stat ta' tqala, maternità jew paternità, inkluż f'adozzjoni, jew minħabba d-detenzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet relatati, ipoġġi jew jista' jpoġġi lill-ħaddiem f'talinqas waħda mis-sitwazzjonijiet segwenti: a) sitwazzjoni żvantaġġjata meta mqabbla mal-ħaddiema l-oħra kollha; b) limitazzjoni tal-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fil-ħajja jew fl-għażliet tal-impriża; c) limitazzjoni tal-aċċess għall-mekkaniżmi ta' avvanz jew ta' progress fil-karriera".

tal-Protokoll fakultattiv relatat mal-Konvenzjoni tan-NU[9], fir-rigward tal-Komunikazzjoni Nru 51/2018 tas-26 ta' Awwissu 2022[10], ikkonstata l-konsegwenzi gravi li jirriżultaw, għall-persuni b'diżabbiltà li għandhom bżonn il-kura, min-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus legali tal-persuna li tagħti l-kura u mill-assenza ta' miżuri effikaċi ta' protezzjoni soċjali favur tagħha, bħall-aċċess għall-għajnuna, għal fondi u għal sistema ta' pensjoni, il-flessibbiltà tal-ħinijiet tax-xogħol u li jkunu qrib id-dar tagħhom.

24. Fil-każ fejn il-persuna membru tal-familja li tagħti kura lil wild b'diżabbiltà tkun awtorizzata tinvoka quddiem il-qrati l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni indiretta subita fuq il-post tax-xogħol minħabba l-assistenza mogħtija lil dan il-wild, tqum allura l-kwistjoni dwar jekk din il-protezzjoni tinvolvix l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet raġonevoli, mill-persuna li timpjega lill-persuna li tagħti l-kura, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta mqabbla mal-ħaddiema l-oħra. F'dan il-każ, l-imsemmija qorti tikkunsidra li huwa neċessarju li tingħata definizzjoni lill-kunċett ta' "persuna li tagħti kura" għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78.

25. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat, possibbilment anki abbażi tal-[Konvenzjoni tan-NU], fis-sens li persuna membru tal-familja li tagħti kura lil minuri serjament diżabbli, li ssostni li sofriet diskriminazzjoni indiretta fil-kuntest tax-xogħol bħala konsegwenza tal-attività ta' kura pprovduta minnha, hija intitolata li tinvoka l-protezzjoni anti-diskriminatorja rrikonoxxuta lill-istess persuna diżabbli, kieku din tal-aħħar kienet il-ħaddiem, skont id-Direttiva [2000/78]?

2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv [għall-ewwel domanda], id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat, possibbilment anki abbażi tal-[Konvenzjoni tan-NU], fis-sens li l-persuna li timpjega lill-persuna li tagħti kura msemmija iktar 'il fuq għandha l-obbligu li tadotta soluzzjonijiet raġjonevoli biex tiżgura, anki favur l-imsemmija persuna li tagħti kura, l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-konfront tal-ħaddiema l-oħra, skont il-mudell stabbilit għall-persuni b'diżabbiltà mill-Artikolu 5 tad-Direttiva [2000/78]?

3) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv [għall-ewwel u għat-tieni domanda], id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat, possibbilment anki abbażi tal-[Konvenzjoni tan-NU], fis-sens li, għal persuna li tagħti kura għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-[Direttiva 2000/78] għandha tinftiehem kwalunkwe persuna, li tappartjeni għaċ-ċirku familjari jew li hija sieħeb *de facto*, li tagħti kura f'kuntest domestiku, anki b'mod informali, mingħajr ħlas, kwantitattivament sinjifikattiv, esklużiva, kontinwa u għal żmien twil lil persuna li, minħabba d-diżabbiltà serja

[9] Skont l-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll, kull Stat Parti kontraenti jirrikonoxxi l-kompetenza tal-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà li jirċievi u jikkunsidra l-komunikazzjoni minn jew f'isem individwi jew gruppi ta' individwi suġġetta għall-ġurisdizzjoni tiegħu li jallegaw li huma vittmi ta' ksur minn dak l-Istat Parti tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU. L-Artikolu 5 tal-imsemmi Protokoll jistipula li l-Kumitat jeżamina *in camera* l-komunikazzjonijiet mibgħuta lilu skont dan l-istess Protokoll u li, wara li jkun eżamina komunikazzjoni, huwa jibgħat l-eventwali suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Istat Kontraenti u lill-persuna li tkun ressqet l-ilment.

[10] Dawn il-konstatazzjonijiet, disponibbli b'mod partikolari bil-lingwa Spanjola, Ingliża u Franċiża, jinsabu fl-indirizz segwenti: https://tbinternet.ohchr.org/_layouts/15/treatybodyexternal/SessionDetails1.aspx?SessionID=2545&Lang=fr, fit-taqsima "Eżami ta' ilmenti individwali" imbagħad "Ġurisprudenza CRPD/C/27/D/51/2018 Maria Simona Bellini".

tagħha stess, assolutament ma hijiex awtosuffiċjenti biex twettaq atti tal-ħajja ta' kuljum, jew id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li d-definizzjoni ta' persuna li tagħti kura inkwistjoni għandha portata usa' jew ħafna iktar ristretta minn kif imsemmi iktar 'il fuq?"

26. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja minn G.L., AB, il-Gvern Taljan u dak Grieg kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

27. Skont kif talbet il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jiffukaw fuq l-analiżi tal-ewwel żewġ domandi preliminari.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ewwel domanda preliminari

28. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li ħaddiem li, mingħajr ma jkollu diżabbiltà huwa stess, isostni li huwa vittma ta' żvantaġġ partikolari fuq ix-xogħol, abbażi tad-diżabbiltà tal-wild tiegħu, li lilu jagħti l-assistenza u l-kura essenzjali li għandu bżonn, jistax jinvoka fil-qorti l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq id-diżabbiltà prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet.

29. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, u kif jirriżulta kemm mit-titolu u mill-preambolu kif ukoll mill-kontenut u mill-għan tagħha, din id-direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq id-diżabbiltà għal dak li jikkonċerna l-impjieg u x-xogħol, sabiex fl-Istati Membri jiġi implimentat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, billi kull persuna tingħata protezzjoni effikaċi kontra d-diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq din ir-raġuni[11]. L-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bħala l-assenza ta' kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta, ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-istess direttiva, fosthom id-diżabbiltà. Dan l-istess Artikolu 2 jipprevedi, fil-paragrafu 2(a) tiegħu, li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli minn kif persuna oħra hija ttrattata, ġiet ittrattata jew tiġi ttrattata f'sitwazzjoni simili, abbażi, b'mod partikolari, tad-diżabbiltà, u, fil-paragrafu 2(b) tiegħu, li, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-punti i) u ii) ta' dan il-punt b), ikun hemm diskriminazzjoni indiretta fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentament newtrali tista' tqiegħed persuni li jkollhom diżabbiltà partikolari, fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra.

30. Fir-rigward tal-kunċett ta' "diżabbiltà", għandu jitfakkar li l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tan-NU bid-Deċiżjoni 2010/48/KE[12]. Konsegwentament, id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jagħmlu parti integrali, mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija deċiżjoni, tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Barra minn hekk, mill-appendiċi tal-Anness II tal-istess deċiżjoni jirriżulta li, fir-rigward tal-awtonomija u tal-inklużjoni soċjali, tax-xogħol u tal-impjieg, id-Direttiva 2000/78 tinsab fost l-atti tal-Unjoni li jittrattaw il-kwistjonijiet irregolati mill-imsemmija Konvenzjoni. Minn dan jirriżulta, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-istess Konvenzjoni tista' tiġi invokata sabiex tiġi interpretata din id-direttiva, li għandha, sa fejn

[11] Sentenza tas-26 ta' Jannar 2021, Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zakład Opieki Zdrowotnej w Krakowie (C-16/19, EU:C:2021:64, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[12] Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35).

possibbli, tiġi interpretata b'mod konformi mal-Konvenzjoni tan-NU. Huwa għalhekk li, wara l-approvazzjoni mill-Unjoni ta' din il-Konvenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kunċett ta' "diżabbiltà", fis-sens tal-imsemmija direttiva, għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal limitazzjoni fil-kapaċità, li tirriżulta b'mod partikolari minn indebolimenti fiżiċi, mentali jew psikiċi dewwiema, li flimkien ma' diversi ostakoli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq il-bażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra [13]. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju indikat li l-wild minuri ta' G.L. għandu diżabbiltà serja, peress li huwa rrikonoxxut bħala invalidu 100 %. Ma huwiex ikkontestat li huwa għandu "diżabbiltà", fis-sens tad-Direttiva 2000/78 u lanqas li G.L. tagħti l-assistenza u l-kura essenzjali li huwa għandu bżonn.

31. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, G.L. issostni li hija talbet lil AB, fl-ewwel lok, li tkun assenjata b'mod definittiv fuq post tax-xogħol b'ħinijiet fissi filgħodu għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha sabiex tkun tista' tagħti l-assistenza tagħha lil wild tagħha, li huwa obbligat isegwi programm ta' trattamenti essenzjali li għandhom jingħatawlu f'ħin fiss wara nofsinhar, skont ir-rekwiżiti tal-aġenzija tas-saħħa lokali. Fit-tieni lok, hija allegatament talbet sabiex eventwalment tiġi assenjata kompiti ta' livell inqas sabiex tkun tista' tieħu ħsieb il-wild tagħha. Issa, il-persuna li timpjegaha allegatament ma laqgħetx it-talbiet tagħha, u b'hekk applikat għaliha trattament diskriminatorju [14]. Il-kawża prinċipali tirrigwarda għalhekk kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78.

32. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq id-diżabbiltà prevista minn din id-direttiva hijiex applikabbli għal ħaddiem bħal G.L., fil-kapaċità tagħha ta' persuna li tagħti kura lil wild b'diżabbiltà. Din il-qorti ssemmi s-sentenza Coleman, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija direttiva, u b'mod partikolari, l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) u (2)(a) tagħha għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni diretta li huma jistabbilixxu ma hijiex limitata biss għal persuni li huma stess għandhom diżabbiltà, u li persuna li timpjega tittratta impjegat li huwa stess m'għandux diżabbiltà b'mod inqas favorevoli milli huwa, kien jew kien jiġi ttrattat impjegat ieħor f'sitwazzjoni komparabbli u jiġi pprovat li t-trattament sfavorevoli li tiegħu dan l-impjegat ikun vittma jkun ibbażat fuq id-diżabbiltà tal-wild tiegħu, li lilu huwa jagħti l-parti l-kbira tal-kura li dan tal-aħħar għandu bżonn, tali trattament jmur kontra l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni diretta prevista fl-imsemmi Artikolu 2(2)(a).

33. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl ta' din is-sentenza, li tirreferi espressament biss għad-diskriminazzjoni diretta, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 testendix għall-persuni li jagħtu kura lil persuni b'diżabbiltà li jallegaw li huma vittmi ta' *diskriminazzjoni indiretta* fuq il-post tax-xogħol tagħhom. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala Awla Manja, iddeċidiet li din id-direttiva għandha l-għan, f'dak li jirrigwarda l-impjieg u x-xogħol, li tikkumbatti *kull forma ta' diskriminazzjoni* abbażi ta' diżabbiltà u li l-prinċipju ta' ugwaljanza stabbilit fl-imsemmija direttiva f'dan il-qasam japplika *mhux għal kategorija ta' persuni partikolari*, iżda abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha [15]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt l-istess direttiva tinkludi dispożizzjonijiet li jfittxu li

[13] Ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Nobel Plastiques Ibérica (C-397/18, EU:C:2019:703, punti 39 sa 41 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fuq il-kunċett ta' "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva 2000/78, ara, ukoll, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Ca Na Negreta (C-631/22, EU:C:2024:53, punt 34).

[14] Ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Ara s-sentenza Coleman (punt 38). Ara, ukoll, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2021, Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zakład Opieki Zdrowotnej w Krakowie (C-16/19, EU:C:2021:64, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jieħdu speċifikament inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' persuni b'diżabbiltà *ma jippermettix li jiġi konkluż* li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li hija tistabbilixxi għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv, jiġifieri b'mod *li jipprojbixxi biss id-diskriminazzjoni diretta fuq bażi ta' diżabbiltà* u li jkopri esklużivament il-persuni b'diżabbiltà nfushom [16]. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, fil-każ li l-persuna li kienet is-suġġett ta' diskriminazzjoni diretta abbażi ta' diżabbiltà ma għandhiex diżabbiltà hija stess, xorta jibqa' l-fatt li hija tabilħaqq id-diżabbiltà li tikkostitwixxi r-raġuni għat-trattament inqas favorevoli li tiegħu hija tallega li kienet il-vittma [17]. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li meta jiġi stabbilit li impjegat li jagħti lil wild tiegħu b'diżabbiltà l-kura li huwa għandu bżonn huwa vittma ta' diskriminazzjoni diretta abbażi ta' diżabbiltà, interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 li tillimita l-applikazzjoni ta' din tal-aħħar biss għall-persuni li huma stess għandhom diżabbiltà tista' ċċaħħad lil din id-direttiva minn parti sinjifikattiva mill-effett utli tagħha u tnaqqas il-protezzjoni li hija intiża li tiżgura [18].

34. Jiena nenfasizza li, permezz tas-sentenza Coleman, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni", li persuna tista' tinvoka d-Direttiva 2000/78 meta hija stess ma jkollhiex diżabbiltà, iżda sofriet trattament żvantaġġjat fuq ix-xogħol minħabba l-kapaċità tagħha ta' persuna li tagħti kura lil persuna b'diżabbiltà. Huwa veru li, fid-dispożittiv ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet biss għad-diskriminazzjoni diretta, bħala risposta għad-domandi preliminari magħmula, li jsemmu biss din il-forma ta' diskriminazzjoni. Madankollu, kif jistipula l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jfisser li *ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta* għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva [19]. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni *diretta* b'assoċjazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà timplika loġikament dik tad-diskriminazzjoni *indiretta* b'assoċjazzjoni. Fi kliem ieħor, distinzjoni bejn dawn iż-żewġ forom ta' diskriminazzjoni tqiegħed inkwistjoni l-koerenza interna tal-imsemmija direttiva [20]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fil-punt 38 tas-sentenza Coleman, li l-istess direttiva għandha l-għan li tikkumbatti *kull forma ta' diskriminazzjoni* abbażi ta' diżabbiltà. Kif osserva l-Gvern Taljan fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, jirriżulta barra minn hekk, b'mod espliċitu mill-kliem stess ta' din is-sentenza, u b'mod partikolari mill-punt 43 tagħha, li d-Direttiva 2000/78 *ma tipprojbixxix biss id-diskriminazzjoni diretta* abbażi ta' diżabbiltà u li tkopri esklużivament il-persuni b'diżabbiltà nfushom, li, fl-opinjoni tiegħi, ifisser li din id-direttiva tipprojbixxi wkoll id-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni [21].

35. Barra minn hekk, l-għan ta' din id-direttiva, stipulat fl-Artikolu 1 tagħha, huwa li tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Issa, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni diretta b'assoċjazzjoni u dik tad-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni huma marbuta mill-qrib inkwantu, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, ma jista' jkun hemm l-ebda protezzjoni reali kontra t-trattament żvantaġġjat fuq il-post tax-xogħol mingħajr ġlieda sistematika kontra dawn iż-żewġ forom ta' diskriminazzjoni.

16 Ara s-sentenza Coleman (punt 43).

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Coleman (punt 50).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Coleman (punt 51).

19 Ara, ukoll, il-premessa 12 tad-Direttiva 2000/78.

20 Fl-istess sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-Kawża CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:170, punt 106), li jistipulaw li "jidhirli li huwa ġust li l-kunċett ta' 'diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni' fil-kuntest ta' diskriminazzjoni indiretta jiġi rikonoxxut bl-istess mod bħal fil-kuntest ta' diskriminazzjoni diretta".

21 Ara, madankollu, Waddington, L., "Case C–303/06, S. Coleman v. Attridge Law and Steve Law Judgment of the Grand Chamber of the Court of Justice of 17 July 2008", *Common Market Law Review*,Vol. 46, nru 2, 2009, p. 665 sa 681, b'mod partikolari p. 675 u 676. Skont din l-awtriċi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni fis-sentenza Coleman.

36. L-interpretazzjoni li d-Direttiva 2000/78 tapplika kemm għad-diskriminazzjoni diretta kif ukoll għad-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni hija kkorroborata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, għandha tissemma s-sentenza CHEZ [22], li tirrigwarda d-Direttiva 2000/43/KE [23], li l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) tagħha huma redatti f'termini analogi għal dawk tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78 f'dak li jirrigwarda mhux id-"diżabbiltà," iżda r-"razza jew l-etniċità". F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, għal darb'oħra bħala Awla Manja, iddeċidiet li l-kunċett ta' "diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika", fis-sens tad-Direttiva 2000/43, għandu jiġi interpretat fis-sens li f'ċirkustanzi li fihom l-arloġġi tad-dawl kollha f'distrett urban li fih jgħixu essenzjalment persuni ta' oriġini Roma, huma installati fuq pilastri li jagħmlu parti min-network tal-linja tal-elettriku fl-ajru f'għoli ta' sitta sa seba' metri, filwaqt li f'distretti oħra, l-arloġġi huma installati f'għoli ta' inqas minn żewġ metri, l-imsemmi kunċett għandu japplika *indipendentement* minn jekk l-imsemmija miżura kollettiva taffettwax lill-persuni li għandhom ċertu oriġini etnika jew lil dawk li, mingħajr ma jkollhom l-imsemmija oriġini jġarrbu, flimkien ma' dawk li għandhom din l-oriġini, it-trattament inqas favorevoli jew l-iżvantaġġ partikolari li jirriżulta minn din il-miżura. Fir-raġunament tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li rreferiet, b'analoġija, għas-sentenza Coleman, enfasizzat li l-ġurisprudenza li bis-saħħa tagħha l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ma jistax, fid-dawl tal-għan tagħha u tan-natura tad-drittijiet li hija intiża li tipproteġi, jiġi ddefinit b'mod strett, hija, f'dan il-każ, tali li tiġġustifika l-interpretazzjoni li tipprovdi li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li għalih tirreferi l-imsemmija direttiva ma japplikax għal kategorija speċifika ta' persuni iżda abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha, b'tali mod li japplika wkoll għall-persuni li, minkejja li ma jappartjenux huma stess għar-razza jew għall-grupp etniku kkonċernati, iġarrbu madankollu trattament inqas favorevoli jew żvantaġġ partikolari għal waħda minn dawn ir-raġunijiet [24]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja espressament qieset li d-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43, li hija redatta skont l-istess struttura tad-Direttiva 2000/78 [25].

37. Il-projbizzjoni, minn din l-aħħar direttiva, tad-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni hija sostnuta wkoll mill-Konvenzjoni tan-NU, li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' tiġi invokata għall-interpretazzjoni tal-imsemmija direttiva, li għandha tkun suġġetta, sa fejn possibbli, għal interpretazzjoni b'mod konformi ma' din il-Konvenzjoni [26]. Fil-fatt, l-Artikolu 5(2) tal-imsemmija Konvenzjoni jistipula li l-Istati Kontraenti għandhom jipprojbixxu *kull diskriminazzjoni* abbażi ta' diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra *d-diskriminazzjoni fuq kull bażi*. L-istess Konvenzjoni b'hekk żammet interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni ibbażata fuq id-diżabbiltà", li minnha jirriżulta, loġikament, li l-Konvenzjoni tan-NU tipprojbixxi d-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni.

[22] Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza CHEZ", EU:C:2015:480). Dwar ir-rabtiet bejn is-sentenzi Coleman u CHEZ fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, ara Benedi Lahuerta, S., "Ethnic Discrimination, Discrimination by Association and the Roma Community", Common Market Law Review, Vol. 53, Nru 3, 2016, p. 797 sa 817, b'mod partikolari, p. 809 sa 812.

[23] Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

[24] Sentenza CHEZ (punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara, f'dan issens, McCrudden, C., "The New Architecture of EU Equality Law after CHEZ: Did the Court of Justice Reconceptualise Direct and Indirect Discrimination?", *European equality law review*, Nru 1, 2016, p. 1 sa 10, b'mod partikolari, p. 7. Dan l-awtur jirrileva li s-sentenza CHEZ estendiet iċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jinvokaw il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni indiretta, liema estenzjoni tirriżulta mill-applikazzjoni tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni" għad-diskriminazzjoni indiretta.

[26] Ara, il-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38. F'dan is-sens, il-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà [27], stabbilit fil-qafas tal-Protokoll fakultattiv relatat mal-Konvenzjoni tan-NU, fl-osservazzjoni ġenerali tiegħu Nru 6 (2018) fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni tas-26 ta' April 2018 [28], qies li l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-NU jistipula d-dispożizzjonijiet legali relatati mal-kisba ta' drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabbiltà u *l-persuni li huma assoċjati magħhom* u li l-obbligu ta' projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà huwa intiż sabiex jipproteġi l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni ta' madwarhom, *pereżempju l-ġenituri ta' ulied b'diżabbiltà* [29]. Dan il-Kumitat irrileva wkoll li d-diskriminazzjoni "ibbażata fuq id-diżabbiltà" tista' b'mod partikolari tkopri l-persuni li huma assoċjati ma' persuna b'diżabbiltà, b'din tal-aħħar tkun forma ta' diskriminazzjoni hekk imsejħa "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni", u li l-portata wiesgħa tal-Artikolu 5 hija dovuta għall-ħtieġa li jiġu eliminati u miġġielda s-sitwazzjonijiet diskriminatorji kollha u/jew l-aġir diskriminatorju kollu marbut mad-diżabbiltà [30]. Dejjem skont l-istess Kumitat, il-kunċett ta' protezzjoni kontra "kull diskriminazzjoni, tkun xi tkun il-bażi tagħha" ifisser li l-motivi kollha possibbli ta' diskriminazzjoni u l-interazzjonijiet tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati [31].

39. Iktar reċenti, fil-qafas tal-konstatazzjonijiet tiegħu adottati skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll fakultattiv, li jirrigwarda l-Komunikazzjoni Nru 51/2018 tas-26 ta' Awwissu 2022 [32], il-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà eżamina l-komunikazzjoni ta' persuna fil-kapaċità tagħha ta' persuna li tagħti l-kura lit-tifla tagħha u lis-sieħeb tagħha, it-tnejn b'diżabbiltà. Dan il-Kumitat, filwaqt li rrefera għall-osservazzjoni ġenerali Nru 6 tiegħu, applika l-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni", filwaqt li nnota d-dikjarazzjoni tal-awtur li l-lakuna li għandha s-sistema legali Taljana tagħmel lill-persuni li jagħtu l-kura vulnerabbli u tesponihom għar-riskju li jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-NU.

40. Minkejja li l-Unjoni ma approvatx il-Protokoll fakultattiv relatat mal-Konvenzjoni tan-NU u minkejja li l-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà ma huwiex qorti ġudizzjarja, huwa sinjifikattiv li dan il-Kumitat jadotta, konsegwentement, anki hu, interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà" u jirreferi espliċitament għad-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, mingħajr ma jillimita din id-diskriminazzjoni għad-diskriminazzjoni diretta.

41. Nosserva wkoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2000/78 tikkonkretizza, fil-qasam li hija tkopri, il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li jipprojbixxi *kull diskriminazzjoni* bbażata, b'mod partikolari, fuq diżabbiltà. Barra minn hekk, l-Artikolu 26 tal-Karta jipprevedi li l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità [33]. Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, sa fejn din fiha drittijiet li jikkorrispondu għal

27 Ara, fuq dan il-kumitat, il-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 CRPD/C/GC/6. Dan id-dokument, disponibbli b'mod partikolari bil-lingwa Spanjola, Ingliża u Franċiża, jista' jiġi kkonsultat fl-indirizz segwenti: https://www.ohchr.org/fr/documents/general-comments-and-recommendations/general-comment-no6-equality-and-non-discrimination.

29 Osservazzjoni ġenerali Nru 6, (punt 17).

30 Osservazzjoni ġenerali Nru 6, (punt 20).

31 Osservazzjoni ġenerali Nru 6, (punt 21.)

32 Dwar dawn il-konstatazzjonijiet, ara, ukoll il-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, b'mod partikolari, il-punt 7.9 ta' dawn l-imsemmija konstatazzjonijiet.

33 Ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Ca Na Negreta (C-631/22, EU:C:2024:53, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), it-tifsira u l-portata ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti minn din il-Konvenzjoni msemmija. L-Artikolu 53 tal-Karta jżid għalhekk li ebda dispożizzjoni f'din il-Karta ma għandha tiġi interpretata bħala li tillimita jew li tippreġudika, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, id-drittijiet irrikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-KEDB.

42. Issa, f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB")[34], adita minn rikorrent li invoka b'mod partikolari diskriminazzjoni indiretta[35], iddeċidiet li l-istat ta' saħħa ta' persuna, b'mod partikolari diżabbiltà u problemi ta' saħħa differenti, jaqa' taħt l-espressjoni "status ieħor" użata fl-Artikolu 14 tal-KEDB[36]. Din il-qorti fakkret li l-espressjoni "status ieħor" ġeneralment ingħatat, fil-ġurisprudenza tagħha, interpretazzjoni wiesgħa mhux limitata għall-karatteristiċi ta' natura personali fis-sens li jkunu naturali jew inerenti għall-persuna, u li jirriżulta li, fir-rigward tal-għan u tan-natura tad-drittijiet li huwa intiż li jipproteġi, l-Artikolu 14 tal-KEDB ikopri wkoll il-każijiet li fihom individwu huwa ttrattat b'mod inqas favorevoli minħabba s-sitwazzjoni jew karatteristiċi protetti ta' persuna oħra. L-imsemmija qorti kkonkludiet li t-trattament diskriminatorju li minnu lmenta r-rikorrent huwa minħabba d-diżabbiltà tal-wild tiegħu, li miegħu għandu relazzjonijiet personali mill-qrib u li lilu jagħti l-kura, għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà koperta mill-Artikolu 14 tal-KEDB[37]. Konsegwentament, l-istess qorti stabbilixxiet il-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni", mingħajr ma wettqet distinzjoni bejn id-diskriminazzjoni diretta u d-diskriminazzjoni indiretta[38].

43. Għalhekk, jiena nqis li, għalkemm l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78 ikopri l-"persuni b'diżabbiltà partikolari", din id-dispożizzjoni timplika li l-persuna membru tal-familja li tagħti kura lil wild b'diżabbiltà hija awtorizzata tinvoka quddiem il-qrati, bis-saħħa tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni li kien ikollha tingħata lill-persuna b'diżabbiltà stess li kieku din tal-aħħar kienet il-ħaddiem, taħt piena li din id-direttiva tiġi mċaħħda minn parti tal-effett utli tagħha. Fi kliem ieħor, din id-direttiva tiżgura protezzjoni lil żewġ persuni f'daqqa, jiġifieri min-naħa waħda lill-wild b'diżabbiltà, li jirċievi l-assistenza ta' persuna membru tal-familja li tagħti kura, u, min-naħa l-oħra lil din il-persuna li tagħti kura fil-kuntest professjonali, minħabba d-disponibbiltà ħafna inqas tagħha li teżerċita l-funzjonijiet tagħha minħabba l-assistenza mogħtija

44. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju titlaq mill-premessa li G.L. tista' tkun vittma ta' diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jitqies li dispożizzjoni jew prattika

[34] Ara Qorti EDB, 22 ta' Marzu 2016, Guberina vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:0322JUD002368213.

[35] Skont in-nota ta' informazzjoni dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, disponibbli fl-indirizz segwenti: https://hudoc.echr.coe.int/fre#{%22itemid%22:[%22002-11097%22]}, "[i]r-rikorrent kien joqgħod mal-wild tiegħu b'diżabbiltà serja, u kien jieħu ħsiebu. Sabiex jagħti akkomodazzjoni aħjar lill-wild tiegħu, iktar adattata, ir-rikorrent biegħ l-appartament tal-familja li kien jinsab fit-tielet sular ta' bini mingħajr lift sabiex jixtri dar. Huwa talab għalhekk li jiġi eżentat mit-taxxi fuq il-bejgħ, iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda, minħabba li l-appartament li huwa kien biegħ kien jissodisfa l-bżonnijiet tal-familja. Fil-qafas tal-proċedura skont il-Konvenzjoni, ir-rikorrent ilmenta li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali għas-sitwazzjoni tiegħu kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà ta' ibnu [traduzzjoni mhux uffiċjali].".

[36] Skont dan l-artikolu, "[i]t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor".

[37] Ara ara l-punti 76 sa 79 ta' din is-sentenza.

[38] Għandu jiġi nnotat li, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti EDB, fir-rigward ta' "dokumenti internazzjonali rilevanti", irreferiet b'mod partikolari għas-sentenzi Coleman u CHEZ (ara l-punti 41 u 42).

toħloq inugwaljanza fit-trattament direttament ibbażata fuq id-diżabbiltà, fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, sa fejn din hija bbażata fuq kriterju li ma huwiex marbut b'mod inseparabbli mad-diżabbiltà [39].

45. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza Coleman, ir-rikorrenti kienet irrappurtat li ġiet ittrattata b'mod inqas tajjeb mill-persuna li timpjegaha meta mqabbla mal-kollegi tagħha ġenituri ta' wlied li ma għandhomx diżabbiltà [40]. Din id-differenza ta' trattament kienet meqjusa bħala relatata mal-kunċett ta' "diskriminazzjoni diretta b'assoċjazzjoni", li sseħħ meta persuna hija ttrattata b'mod inqas favorevoli minn oħra li ma hijiex, ma kinitx u mhux ser tkun f'sitwazzjoni paragunabbli, abbażi, b'mod partikolari, tad-diżabbiltà. Fil-fatt, tali differenza ta' trattament tidher li hija marbuta b'mod inseparabbli mad-diżabbiltà tal-wild [41].

46. Skont l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, ħlief fil-każijiet msemmija fil-punti i) u ii) ta' dan il-punt b), "diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni" tista' tirriżulta minn miżura li, għalkemm ifformulata b'mod newtrali, jiġifieri b'riferiment għal kriterji mhux marbuta mal-karatteristika protetta, twassal madankollu sabiex tiżvantaġġa b'mod partikolari l-persuni li għandhom din il-karatteristika [42]. Fl-opinjoni tiegħi, l-eżempju klassiku ta' tali diskriminazzjoni huwa meta l-persuna li timpjega tistabbilixxi, b'mod ġenerali, ħinijiet ta' xogħol mingħajr flessibbiltà. Din ir-regola hija stabbilita b'mod newtrali inkwantu tapplika għall-impjegati kollha iżda tirriżulta fi żvantaġġ partikolari għall-persuni membri tal-familja li jagħtu kura lil ulied b'diżabbiltà, li għalihom ħinijiet ta' xogħol iktar flessibbli huma neċessarji sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-assistenza u l-kura li dawn l-ulied għandhom bżonn fir-rigward tal-istat ta' saħħa tagħhom [43].

47. Hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika waħda li għandha kompetenza sabiex tevalwa l-fatti, li għandha tivverifika jekk l-aġir li għalih hija kkritikata AB jistax ikun relatat ma' diskriminazzjoni diretta jew ma' diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/78.

48. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ħaddiem, mingħajr ma jkollu diżabbiltà huwa stess, li jsostni li huwa vittma ta' żvantaġġ partikolari fuq ix-xogħol, ibbażat fuq id-diżabbiltà tal-wild tiegħu, li lilu jagħti l-assistenza u l-kuri essenzjali li jkollu bżonn, jista' jinvoka quddiem il-qrati l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq id-diżabbiltà prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet.

[39] Ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2021, Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zakład Opieki Zdrowotnej w Krakowie (C-16/19, EU:C:2021:64, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[40] Ara s-sentenza Coleman (punt 26).

[41] Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Coleman (C-303/06, EU:C:2008:61, punt 20), "[i]l-każ ta' S. Coleman iqajjem kwistjoni ta' diskriminazzjoni diretta. Kif jagħmilha ċara d-digriet tar-rinviju, hi mhijiex qed tilmenta dwar l-impatt li miżura newtrali kellha fuqha bħala l-omm u l-persuna li tieħu ħsieb tifel b'diżabbiltà, imma tallega li hi ġiet identifikata u kienet fil-mira ta' min kien jimpjegaha preċiżament minħabba binha li għandu diżabbiltà. Għalhekk, il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja hija jekk id-diskriminazzjoni diretta b'assoċjazzjoni hijiex ipprojbita mid-Direttiva".

[42] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2021, Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zakład Opieki Zdrowotnej w Krakowie (C-16/19, EU:C:2021:64, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[43] Pereżempju, persuna membru tal-familja li tagħti kura li jkollha taħdem kull jum tal-ġimgħa bejn id-9:00 u s-18:00, mingħajr ebda flessibbiltà, tiffaċċja, b'mod ċar, diffikultajiet sabiex tkun tista' tmur, matul il-ġimgħa, għal appuntament mediku ma' binha, fid-dawl tal-ħinijiet ta' ftuħ tal-kliniċi mediċi.

B. Fuq it-tieni domanda preliminari

49. Permezz tat-tieni domanda tagħha, magħmula f'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li meta ħaddiem li, mingħajr ma jkollu diżabbiltà huwa stess, huwa l-persuna li tagħti l-kura lil wild tagħha b'diżabbiltà, il-persuna li timpjega lil din il-persuna li tagħti l-kura hija obbligata li tadotta, bħala "soluzzjonijiet raġonevoli" previsti minn dan l-artikolu, miżuri xierqa sabiex jippermettulha, skont il-bżonnijiet f'sitwazzjoni konkreta, li tagħti l-assistenza u l-kura essenzjali li l-wild tagħha jkollu għandu bżonn.

50. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' persuni b'diżabbiltà, għandhom jiġu previsti soluzzjonijiet raġonevoli. B'hekk, il-persuna li timpjega għandha tieħu l-miżuri adattati, skont il-bżonnijiet f'sitwazzjoni konkreta, sabiex ikun possibbli li persuna b'diżabbiltà jkollha impjieg, teżerċitah jew tipprogressa fih, jew sabiex tingħata taħriġ, sakemm dawn il-miżuri ma jimponux piż sproporzjonat fuq il-persuna li timpjega.

51. Fil-punt 42 tas-sentenza Coleman, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatt li dan l-Artikolu 5 ikopru speċifikament il-persuni li għandhom diżabbiltà jirriżulta mill-fatt li dawn huma miżuri speċifiċi li jkunu irrilevanti għal kollox jew li jistgħu jkunu sproporzjonati li kieku ma kinux limitati biss għall-persuni li għandhom diżabbiltà. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, kif jirriżulta mill-premessi 16 u 20 ta' din id-direttiva, dawn huma miżuri biex jakkomodaw il-bżonnijiet ta' persuni b'diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol u biex jadattaw il-post tax-xogħol għad-diżabbiltà ta' dawn tal-aħħar. Għalhekk tali miżuri jfittxu speċifikament li jippermettu u li jippromwovu l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fid-dinja tax-xogħol u, għal din ir-raġuni, jistgħu jikkonċernaw biss lil dawn il-persuni u l-obbligi ta' min jimpjegahom u, jekk ikun il-każ, tal-Istati Membri fir-rigward tagħhom.

52. Madankollu, skont l-Artikolu 2(2)(b)(ii) tad-Direttiva 2000/78, għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentament newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom diżabbiltà partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra sakemm min iħaddem jew kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li għalihom tapplika din id-Direttiva ma humiex obbligati, taħt leġiżlazzjoni nazzjonali, li jieħdu miżuri xierqa b'konformità mal-prinċipji li jinsabu fl-Artikolu 5 biex jeliminaw l-iżvantaġġi li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni, dan il-kriterju jew din il-prattika. Konsegwentement, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet raġonevoli tippermetti li tiġi rrimedjata sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta. Għalhekk, kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, id-diskriminazzjoni indiretta u s-soluzzjonijiet raġonevoli li għandha toffri l-persuna li timpjega huma strettament relatati. Fl-istess sens, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU, id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà tinkludi l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż ir-rifjut ta' soluzzjoni raġonevoli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li huwa rrikonoxxut li d-Direttiva 2000/78 tipprojbixxi d-diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni, minnha jirriżulta b'mod loġiku li għandhom jingħataw soluzzjonijiet raġonevoli lill-ħaddiem li huwa vittma fuq il-post tax-xogħol tiegħu ta' diskriminazzjoni indiretta b'assoċjazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà, sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

53. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tan-NU, li ġiet approvata mill-Unjoni *wara* d-data tal-għoti tas-sentenza Coleman, tiddefinixxi, fl-Artikolu 2 tagħha, soluzzjonijiet raġonevoli bħala "modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jgawdu u jeżerċitaw

fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha". Minn din id-definizzjoni jirriżulta li, b'differenza mill-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, is-soluzzjonijiet raġonevoli ma humiex limitati għall-bżonnijiet ta' persuni b'diżabbiltà fuq ix-xogħol, iżda jistgħu b'hekk jibbenefikaw lil persuna b'diżabbiltà li ma tistax teżerċita attività professjonali, fil-forma ta' soluzzjonijiet mogħtija lill-ħaddiem li huwa persuna li tagħti l-kura. Permezz ta' dawn is-soluzzjonijiet, il-ħaddiem ikun f'pożizzjoni li jagħti l-assistenza u l-kura li l-persuna b'diżabbiltà, *irrispettivament mill-età tagħha*, ikollha bżonn. F'dan is-sens, l-Artikolu 5(3) ta' din il-Konvenzjoni jistipula li "[s]abiex jippromwovu l-ugwaljanza u jeliminaw id-diskriminazzjoni, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha adegwati biex jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli", mingħajr restrizzjoni fir-rigward tal-persuni kkonċernati.

54. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni tan-NU jistipula li l-"Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa mit-tfal b'diżabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fuq bażi ugwali ma' tfal oħrajn". Meta wild b'diżabbiltà jkun dipendenti fuq persuna oħra sabiex jeżerċita dawn id-drittijiet u dawn il-libertajiet, il-persuna li tagħti kura lil dan it-tifel għandha tkun f'pożizzjoni li tagħtih l-assistenza li jkollu bżonn, li jista' jfisser li l-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' din il-persuna jkollhom jiġu adattati. Il-bżonn ta' soluzzjonijiet raġonevoli huwa għalhekk impost *a fortiori* meta l-persuna b'diżabbiltà tkun wild. Kif ġie enfasizzat, din il-Konvenzjoni tista' tiġi invokata sabiex tiġi interpretata d-Direttiva 2000/78, li għandha tiġi interpretata, sa fejn possibbli, b'mod konformi mal-istess Konvenzjoni [44]. B'mod iktar ġenerali, l-Artikolu 7(2) tal-Konvenzjoni tan-NU, bħall-Artikolu 24(2) tal-Karta, jistipulaw li, fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw tfal b'diżabbiltà, kemm jekk implimentati minn awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tal-wild għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja.

55. Fir-rigward tat-tip ta' soluzzjonijiet raġonevoli li jistgħu jiġu invokati mill-persuna li tagħti kura lil persuna b'diżabbiltà, hemm lok li jiġi rrilevat li l-premessa 20 tad-Direttiva 2000/78 issemmi, fost il-miżuri adattati, "miżuri effettivi u prattiċi biex jadattaw il-post tax-xogħol għad-diżabilità, per eżempju jadattaw il-postijiet u t-tagħmir, ritmi tax-xogħol, id-distribuzzjoni tal-kompiti jew tad-dispożizzjoni ta' riżorsi ta' tħarrig jew integrazzjoni". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li din il-premessa tagħti lista mhux eżawrjenti ta' miżuri xierqa, u li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu ta' natura fiżika, organizzattiva u/jew edukattiva, peress li l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, moqri fid-dawl tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU, jippreskrivi definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "soluzzjoni raġonevoli" [45].

56. Kif diġà indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża HR Rail [46], l-għan tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, moqri fid-dawl tal-premessi 17 u 20 tagħha, huwa, f'approċċ ibbażat fuq il-kunċett soċjali tad-"diżabbiltà", li jiġi adattat l-ambjent tax-xogħol tal-persuna b'diżabbiltà, sabiex tippermettilha parteċipazzjoni sħiħa u effettiva fil-ħajja professjonali fuq il-bażi tal-ugwaljanza ma' ħaddiema oħra. Fil-każ fejn il-persuna li tagħti l-kura ma hijiex hija stess persuna b'diżabbiltà, l-ambjent tax-xogħol tagħha għandu wkoll jiġi adattat bl-istess għan. Il-miżuri xierqa li l-persuna li timpjega tista' tadotta, skont il-bżonnijiet f'sitwazzjoni konkreta jirrigwardaw għalhekk, mhux l-arranġamenti tal-binjiet jew l-adattament tal-makkinarju, iżda,

[44] Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[45] Ara s-sentenza tal-10 ta' Frar 2022, HR Rail (C-485/20, EU:C:2022:85, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[46] C-485/20, EU:C:2021:916, punt 59.

b'mod partikolari, il-ħinijiet tax-xogħol u t-tqassim tal-kompiti[47]. Fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva għandu jkun interpretat fis-sens li t-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol jista' jikkostitwixxi waħda mill-miżuri ta' soluzzjoni msemmija f'dan l-artikolu[48]. F'dan il-każ, G.L. talbet lil persuna li timpjegaha fl-ewwel lok, li tiġi assenjata post fiss filgħodu, li jidher li jidħol fil-ħinijiet tax-xogħol u fil-funzjonijiet li għandha twettaq. Fit-tieni lok, hija talbet lill-persuna li timpjegaha sabiex eventwalment tiġi assenjata funzjonijiet ta' livell inqas. Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'ċerti ċirkustanzi, l-assenjazzjoni mill-ġdid f'post tax-xogħol ieħor tista' tikkostitwixxi miżura xierqa fil-kuntest "soluzzjonijiet raġonevoli" fis-sens tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva[49].

57. Minkejja dan, dan l-Artikolu 5 ma għandux jobbliga lill-persuna li timpjega tieħu miżuri li jpoġġu fuqha oneru sproporzjonat. F'dan ir-rigward, mill-premessa 21 tal-istess direttiva jirriżulta li, sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżuri inkwistjoni jikkawżawx piż sproporzjonat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-ispejjeż finanzjarji li dawn jinvolvu, l-iskala u r-riżorsi finanzjarji tal-organizzazzjoni jew l-impriża u l-possibilità li jinkisbu fondi pubbliċi jew assistenza oħra[50].

58. F'dan il-każ, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, AB sostniet b'mod partikolari li kien hemm nuqqas ta' persunal fil-kategorija ta' "operaturi ta' stazzjon", u li, fi kwalunkwe każ, ma kien hemm l-ebda post vakanti fil-kategorija ta' "assistenti tat-traffiku", li jappartjenu għal familja professjonali differenti. Madankollu, G.L. tneħħiet mill-amministrazzjoni ordinarja tax-xogħol fiss, applikabbli għall-operaturi ta' stazzjon tal-linja tal-metro li magħha hija kienet assenjata, u kienet ġiet assenjata, b'differenza mill-kollegi l-oħra tagħha, f'post tax-xogħol fiss b'ħinijiet preferenzjali. B'hekk, AB adottat is-soluzzjonijiet raġonevoli neċessarji, mingħajr ma assenjat lil G.L. f'post fiss għal perijodu mhux determinat.

59. F'dan ir-rigward, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk it-talba ta' G.L. kinitx tikkostitwixxi oneru sporporzjonat għall-persuna li timpjegaha, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78.

60. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta ħaddiem li, mingħajr ma jkollu huwa stess diżabbiltà, ikun il-persuna li tagħti l-kura lil wild tiegħu b'diżabbiltà, il-persuna li timpjega lil din il-persuna li tagħti l-kura hija obbligata tadotta, bħala "soluzzjonijiet raġonevoli" previsti f'dan l-artikolu, miżuri xierqa, b'mod partikolari relatati mal-adattament tal-ħinijiet tax-xogħol u bidliet ta' funzjonijiet li għandhom jitwettqu, sabiex jippermettulha, skont il-bżonnijiet f'sitwazzjoni konkreta, tagħti l-assistenza u l-kura essenzjali li l-wild tagħha jkollu bżonn, sa fejn dawn il-miżuri ma jkunux jimponu fuq din il-persuna li timpjega piż sproporzjonat.

[47] Għandu jiġi spjegat li l-possibbiltà li jinkiseb arranġament tal-ħinijiet tax-xogħol għall-persuni li jagħtu kura huwa issa espliċitament previst mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU 2019, L 188, p. 79), li ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali, tistipula, fl-Artikolu 9(1) tagħha li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-ħaddiema li jkollhom tfal sa età speċifikata, li għandha tkun ta' mill-inqas tmien snin, u l-persuni li jindukraw, ikollhom id-dritt li jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-finijiet ta' indukrar. Id-durata ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli bħal dawn tista' tkun soġġetta għal limitazzjoni raġonevoli". L-Artikolu 3(f) ta' din id-direttiva jiddefinixxi "arranġamenti tax-xogħol flessibbli" bħala "il-possibbiltà għal ħaddiema li jaġġustaw l-iskedi tax-xogħol tagħhom, inkluż bl-użu ta' arranġamenti ta' xogħol minn distanza, ta' skedi tax-xogħol flessibbli, jew ta' sigħat tax-xogħol imnaqqsa".

[48] Ara s-sentenza tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punt 64).

[49] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2022, HR Rail (C-485/20, EU:C:2022:85, punt 43).

[50] Ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Ca Na Negreta (C-631/22, EU:C:2024:53, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

V. Konklużjoni

61. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għall-ewwel u għat-tieni domanda preliminari magħmula mill-Corte suprema di cassazione (Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) bil-mod segwenti:

1) L-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) u (2)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   ħaddiem, mingħajr ma jkollu diżabbiltà huwa stess, li jsostni li huwa vittma ta' żvantaġġ partikolari fuq ix-xogħol, ibbażat fuq id-diżabbiltà tal-wild tiegħu, li lilu jagħti l-assistenza u l-kuri essenzjali li jkollu bżonn, jista' jinvoka quddiem il-qrati l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq id-diżabbiltà prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet.

2) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   meta ħaddiem li, mingħajr ma jkollu huwa stess diżabbiltà, ikun il-persuna li tagħti l-kura lil wild tagħha b'diżabbiltà, il-persuna li timpjega lil din il-persuna li tagħti l-kura hija obbligata tadotta, bħala "soluzzjonijiet raġonevoli" previsti f'dan l-artikolu, miżuri xierqa, b'mod partikolari relatati mal-adattament tal-ħinijiet tax-xogħol u bidliet ta' funzjonijiet li għandhom jitwettqu, sabiex jippermettulha, skont il-bżonnijiet f'sitwazzjoni konkreta, tagħti l-assistenza u l-kura essenzjali li l-wild tagħha jkollu bżonn, sa fejn dawn il-miżuri ma jkunux jimponu fuq din il-persuna li timpjega piż sproporzjonat.